Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali
Il-President

28.1.2026

Is-Sur Johan Van Overtveldt
President
Kumitat għall-Baġits
BRUSSELL

Suġġett: Opinjoni dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati wara applikazzjoni mill-Belġju – EGF/2025/006 BE/Audi (2026/0001(BUD))

Sur President,

Skont il-proċedura inkwistjoni, il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali ngħata l-istruzzjoni li jippreżenta opinjoni lill-Kumitat tiegħek u ddeċieda li jibgħat l-opinjoni fil-forma ta' ittra.

Il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali eżamina l-kwistjoni fil-laqgħa tiegħu tat-28 ta' Jannar 2026. Matul din il-laqgħa, iddeċieda li jippreżenta lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli, l-opinjoni li tidher hawn taħt.

Dejjem tiegħek,

Li Andersson

OPINJONI

A. Billi, fit-18 ta' Settembru 2025, il-Belġju ppreżenta applikazzjoni għall-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) f'konformità mal-Artikolu 8(1) tar-Regolament (UE) 2021/691, fir-rigward tas-sensji tal-ħaddiema f'Audi Brussels S.A.:n.V. (Audi) u ħamsa mill-fornituri u mill-produtturi downstream tagħha fil-Belġju; billi din l-applikazzjoni ġiet issupplimentata b'informazzjoni addizzjonali pprovduta f'konformità mal-Artikolu 8(5) tar-Regolament (UE) 2021/691; billi Audi kienet topera fis-settur ekonomiku kklassifikat fid-Diviżjoni 29 ta' NACE Reviżjoni 2 (Manifattura ta' vetturi bil-mutur, trejlers u semitrejlers); billi l-għoti tas-sensji minn Audi seħħ prinċipalment fir-reġjuni NUTS 2 tar-Région de Bruxelles-Capitale/Brussels Hoofdstedelijk Gewest (BE10), Provincie Oost-Vlaanderen (BE23), u Province Hainaut (BE32);

B. Billi l-Belġju ssottometta l-applikazzjoni skont il-kriterji ta' intervent tal-Artikolu 4(2)(a), tar-Regolament (UE) 2021/691, li jirrikjedi l-waqfien tal-attività ta' mill-anqas 200 ħaddiem issensjat fuq perjodu ta' referenza ta' erba' xhur f'intrapriża fi Stat Membru, inklużi ħaddiema ssensjati li kienu jaħdmu ma' fornituri u ma' produtturi downstream; billi, wara l-valutazzjoni tagħha ta' din l-applikazzjoni, il-Kummissjoni kkonkludiet, f'konformità mad-dispożizzjonijiet kollha applikabbli tar-Regolament dwar il-FEG, li l-kundizzjonijiet għall-għoti ta' kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG ġew issodisfati;

C. Billi l-għadd totali ta' benefiċjarji eliġibbli huwa ta' 3 414, li l-attività tagħhom waqfet fis-setturi ekonomiċi indikati hawn fuq; billi l-applikazzjoni hija relatata ma' 3 148 ħaddiem issensjat (2 580 ħaddiem issensjat f'Audi, u 568 ħaddiem issensjat fil-ħames fornituri u produtturi downstream ta' Audi); billi minbarra l-ħaddiema li diġà ssemmew, il-benefiċjarji eleġibbli jinkludu wkoll 266 ħaddiem issensjat li l-attività tagħhom twaqqfet qabel jew wara l-perjodu ta' referenza ta' erba' xhur;

D. Billi fid-9 ta' Jannar 2026, il-Kummissjoni adottat proposta għal deċiżjoni dwar il-mobilizzazzjoni tal-FEG favur il-Belġju biex tappoġġja l-integrazzjoni mill-ġdid fis-suq tax-xogħol ta' 3 414-il benefiċjarju fil-mira;

E. Billi skont l-awtoritajiet Belġjani, is-suq globali għall-produzzjoni u għall-bejgħ tal-karozzi, b'mod partikolari l-karozzi elettriċi, qed jiffaċċja bosta sfidi u pressjonijiet ekonomiċi, bħal żieda fil-kostijiet globali tal-materja prima, kompetizzjoni globali aggressiva, u tbassir ta' tkabbir imnaqqas u tnaqqis fid-domanda ġenerali għall-karozzi elettriċi fl-Ewropa; billi wara livell baxx ta' bejgħ tal-crossover lussuż SUV Audi Q8 e-tron, l-uniku mudell prodott fl-impjant ta' Audi fi Brussell (Audi BXL), it-tmiem tal-produzzjoni tiegħu, inizjalment ippjanat għall-2027, tressaq 'il quddiem għall-2025; billi, minħabba l-bidla fid-domanda għal vetturi akbar lejn reġjuni barra l-Ewropa, is-suċċessur tal-mudell Audi Q8 e-tron mhux se jiġi prodott f'Audi BXL, iżda eqreb lejn swieq b'domanda ogħla; billi l-kostijiet tal-produzzjoni għal kull vettura fl-impjant ta' Audi BXL kienu ogħla milli f'impjanti oħra ta' Audi; billi Audi ddikjarat ukoll li fatturi strutturali, bħal fejn tinsab Audi BXL fiż-żona metropolitana ta' Brussell, bejn żona residenzjali u linja ferrovjarja, għamluha diffiċli li l-faċilitajiet jiġu ottimizzati u adattati, u dan irriżulta fi spejjeż ogħla, u li n-nuqqas ta' linji għall-

istampa u n-nuqqas ta’ network ta’ fornituri fil-qrib ikkontribwew ukoll għall-ispejjeż ogħla, speċjalment f’termini ta’ loġistika; billi, għalhekk, dan wassal għall-waqfien tal-attività u għall-għeluq tal-impjant, li rriżulta fl-issensjar ta’ dawn il-ħaddiema;

F. Billi l-ħolqien tal-impjiegi fil-Belġju naqas fl-2024, u nħolqu biss 13 400 impjieg, terz tal-impjiegi maħluqa fl-2023; billi l-fallimenti ilhom jiżdiedu mill-2022; billi fl-2024, aktar minn 11 000 intrapriża ġew iddikjarati falluti, l-ogħla ċifra mill-2013 ’l hawn; billi din ix-xejra ’l fuq kompliet, u bejn Jannar u Settembru 2025 fallew 8 483 intrapriża;

G. Billi, skont l-awtoritajiet Belġjani, l-impatt tas-sensji f’Audi u l-fornituri u l-produtturi downstream tagħha huwa mistenni li jkompli jaggrava s-sitwazzjoni f’Hainaut (Wallonia) u fi Brussell, li huma swieq tax-xogħol żvantaġġati fejn il-qgħad fit-tul huwa prevalenti (67 % u 62 % tal-persuni li qed ifittxu impjieg, rispettivament, ilhom qiegħda għal aktar minn 12-il xahar);

H. Billi l-Belġju indika li l-pakkett ikkoordinat ta’ servizzi personalizzati tfassal b’konsultazzjoni mas-sħab soċjali, f’konformità mal-Artikolu 7(4) tar-Regolament dwar il-FEG;

I. Billi l-FEG ma għandux jaqbeż ammont annwali massimu ta’ EUR 30 miljun (fi prezzijiet tal-2018), kif stipulat fl-Artikolu 8 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 tas-17 ta’ Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027;

għalhekk, il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali jistieden lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Ifakkar li l-objettiv tal-FEG huwa li juri solidarjetà mal-benefiċjarji, u li jagħtihom appoġġ; iqis li l-kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-FEG għandhom ikunu diretti primarjament lejn miżuri attivi tal-politika tas-suq tax-xogħol u servizzi personalizzati bl-għan li l-benefiċjarji jintegraw mill-ġdid u malajr f’impjieg deċenti u sostenibbli fis-settur tal-attività inizjali tagħhom jew barra minnu; jisħaq fuq l-importanza li l-ħaddiema jitħejjew u jingħataw appoġġ għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali tal-ekonomija u tas-soċjetà Ewropej li huma meħtieġa b’mod urġenti; itenni, f’dan il-kuntest, ir-rwol importanti li għandha l-Unjoni, inkluż permezz tal-FEG, li tikkontribwixxi għall-finanzjament tal-kwalifiki meħtieġa għat-tranżizzjoni ġusta f’konformità mal-Patt Ekoloġiku Ewropew;

2. Jaqbel mal-Kummissjoni li l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 4(2)(a) tar-Regolament dwar il-FEG ġew issodisfati u li l-Belġju huwa intitolat għal kontribuzzjoni finanzjarja ta’ EUR 7 527 625 skont dak ir-Regolament, li tirrappreżenta 85 % tal-kost totali ta’ EUR 8 856 030, li tinkludi n-nefqa għal servizzi personalizzati ta’ EUR 8 738 968 u n-nefqa għall-implimentazzjoni tal-FEG ta’ EUR 117 062;

3. Jinnota l-fatt li l-Belġju pprovda l-assigurazzjonijiet kollha meħtieġa li r-rekwiżiti stabbiliti fil-leġiżlazzjoni nazzjonali u tal-UE dwar is-sensji kollettivi ġew issodisfati u

li l-prinċipji ta’ trattament ugwali u ta’ nondiskriminazzjoni se jiġu rispettati fl-aċċess għall-miżuri proposti u l-implimentazzjoni tagħhom;

4. Jinnota li l-ħaddiema b’livell baxx ta’ ħiliet u l-ħaddiema akbar fl-età għandhom ħafna anqas opportunitajiet biex jerġgħu jidħlu fis-suq tax-xogħol fir-reġjuni affettwati u li s-sensji f’Audi laqtu l-aktar lil dawn il-gruppi vulnerabbli; ifakkar fil-profil tal-ħaddiema ssensjati, jiġifieri li wieħed minn kull erba’ ħaddiema ssensjati għandu aktar minn 54 sena u għandu edukazzjoni ta’ livell sekondarju jew anqas, u jqis li, flimkien max-xejra ta’ tnaqqis fil-postijiet tax-xogħol vakanti u d-distribuzzjoni ġeografika tagħha, il-ħaddiema se jeħtieġu appoġġ addizzjonali mfassal apposta, inkluża assistenza mmirata li tiffoka fuq it-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid, biex tgħinhom jirnexxu fit-tranżizzjoni lejn l-impjieg f’żoni fil-Belġju fejn hemm domanda fis-suq tax-xogħol;

5. Jenfasizza li l-Belġju kkonferma li l-miżuri appoġġjati mill-FEG mhuma se jirċievu l-ebda kontribuzzjoni finanzjarja minn strumenti finanzjarji oħra tal-Unjoni;

6. Jinnota li s-servizzi personalizzati li għandhom jingħataw lill-ħaddiema jikkonsistu mill-miżuri li ġejjin: (a) servizzi ta’ informazzjoni, konsulenza u gwida vokazzjonali, u servizzi ta’ kollokament, (b) taħriġ u taħriġ mill-ġdid, (c) jum l-impjiegi, (d) promozzjoni tal-intraprenditorija, (e) kontribuzzjoni għall-bidu ta’ negozju, u (f) inċentivi u allowances (allowances għat-tfittix ta’ impjieg, bonus għat-titjib tal-ħiliet tal-IT, allowance għar-ritorn lejn l-iskola, allowance għall-ħolqien ta’ negozju); minħabba l-età u l-profil tal-edukazzjoni tal-benefiċjarji fil-mira, jenfasizza li l-ħtiġijiet speċifiċi ta’ dawn il-gruppi għandhom jitqiesu meta jiġu pprovduti s-servizzi personalizzati;

7. Jisħaq b’mod partikolari fuq l-importanza tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament dwar il-FEG, li jirrikjedi li l-pakkett ikkoordinat jantiċipa l-perspettivi futuri tas-suq tax-xogħol u l-ħiliet meħtieġa fil-futur, li jkunu kompatibbli mal-bidla lejn ekonomija sostenibbli u effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u tingħata attenzjoni partikolari lid-disseminazzjoni tal-ħiliet meħtieġa fl-era industrijali diġitali; jilqa’ l-fatt li t-taħriġ fl-ICT u l-appoġġ addizzjonali previsti fis-servizzi ta’ gwida vokazzjonali u xi taħriġ offrut u l-allowances relatati jaħsbu għad-disseminazzjoni tal-ħiliet meħtieġa fl-era industrijali diġitali u f’ekonomija effiċjenti fl-użu tar-riżorsi;

8. Ifakkar fil-possibbiltà ta’ miżuri speċjali limitati fiż-żmien fi ħdan il-pakkett ikkoordinat, inkluż, fost l-oħrajn, il-ħlas ta’ allowances għall-indukrar tat-tfal, kif previst fl-Artikolu 7(2)(b) tar-Regolament dwar il-FEG sabiex tiġi ffaċilitata l-parteċipazzjoni ta’ dawk li qed ifittxu impjieg fl-attivitajiet proposti;

9. Jirrakkomanda li l-miżuri ppjanati tal-FEG jiġu implimentati f’kooperazzjoni mill-qrib mas-sħab soċjali.